Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5754/23

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0012(NLE)**

SOC 52
EMPL 35

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 26 ta' Jannar 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 38 final |
| Suġġett: | Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 38 final.

Mehmuż: COM(2023) 38 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.1.2023
COM(2023) 38 final

2023/0012 (NLE)

Proposta għal

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

## dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea

MT MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-promozzjoni tad-djalogu soċjali hija objettiv komuni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha. Id-djalogu soċjali huwa fattur ewlieni għar-reżiljenza ekonomika u soċjali, għall-kompetittività, għall-ġustizzja u għat-tkabbir sostenibbli. Huwa kruċjali li jinstabu soluzzjonijiet bilanċjati b'rispons għal ħtiġijiet ġodda, għal bidliet fid-dinja tax-xogħol kif ukoll għal kriżijiet mhux mistennija, billi jkun jista' jsir aġġustament tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-organizzazzjoni tax-xogħol. Id-djalogu soċjali jista' jikkontribwixxi wkoll għal protezzjoni tax-xogħol ġdida jew eżistenti, bħad-dritt għall-iskonnessjoni mix-xogħol jew il-protezzjoni mill-vjolenza u mill-fastidju fuq ix-xogħol. Il-kriżi finanzjarja u l-pandemija wrew li l-pajjiżi b'oqfsa robusti għad-djalogu soċjali u b'kopertura għolja ta' negozjar kollettiv għandhom it-tendenza li jkollhom ekonomiji aktar kompetittivi u reżiljenti.

It-Trattati jirrikonoxxu r-rwol uniku tas-sħab soċjali, issottolinjat ukoll mill-Prinċipju 8 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[1] li tnieda f'Marzu 2021 issottolinja l-ħtieġa li jissaħħaħ id-djalogu soċjali fil-livell nazzjonali u tal-UE u appella għal sforzi msaħħa biex tiġi appoġġata l-kopertura tan-negozjar kollettiv u jiġi pprevenut it-tnaqqis tas-sħubija u tad-densità organizzazzjonali tas-sħab soċjali. L-Impenn Soċjali ta' Porto[2] stieden ukoll lill-atturi rilevanti kollha biex jippromwovu d-djalogu soċjali awtonomu bħala komponent ta' struttura tal-Mudell Soċjali Ewropew u jsaħħuh fil-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali, settorjali u tal-kumpaniji, b'enfasi partikolari fuq l-iżgurar ta' qafas ta' abilitazzjoni għan-negozjar kollettiv anki fl-istess mudelli diversi li jeżistu fl-Istati Membri. Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, fir-rapport finali tagħha, tissottolinja li "Jeħtiġilna nippromwovu d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv" (Proposta 13 dwar Swieq tax-xogħol inklużivi)[3].

L-arranġamenti u l-proċessi tad-djalogu soċjali jvarjaw fost l-Istati Membri, u jirriflettu l-istejjer u s-sitwazzjonijiet ekonomiċi u politiċi diversi tal-pajjiżi. Hemm diversità kbira fir-relazzjonijiet industrijali kollettivi, f'termini ta' kapaċità u sħubija tal-organizzazzjonijiet, ir-rwol tan-negozjar kollettiv fl-istabbiliment tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll l-istrutturi formali għall-involviment tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika, u l-influwenza tagħhom.

Għalkemm hemm varjazzjonijiet kbar fost l-Istati Membri, is-sehem tal-ħaddiema koperti minn ftehimiet kollettivi naqas b'mod sinifikanti matul l-aħħar 30 sena. Dan naqas minn medja stmata tal-UE ta' madwar 66 % fis-sena 2000 għal madwar 56 % fl-2018, bi tnaqqis kbir partikolari fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. Filwaqt li d-densità tal-impjegaturi baqgħet relattivament stabbli, id-densità tat-trade unions naqset (bħala medja) fl-Istati Membri kollha tal-UE[4].

Billi d-dinja tax-xogħol qed tinbidel, u l-għajxien u x-xogħol saru aktar individwalizzati, u minħabba l-ħolqien ta' forom ġodda ta' impjieg, huwa diffiċli għat-trade unions li jirreklutaw

---

[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali", COM(2021) 102 final

[2] L-Impenn Soċjali ta' Porto ffirmat fis-Summit Soċjali ta' Porto fis-7 ta' Mejju 2021 mill-Presidenza Portugiża tal-Kunsill tal-UE, mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Parlament Ewropew u mis-sħab soċjali fil-livell tal-UE u mill-Pjattaforma Soċjali, biex jissaħħaħ l-impenn għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (https://www.2021portugal.eu/en/porto-social-summit/porto-social-commitment)

[3] Disponibbli online

[4] ICTWSS database, il-Verżjoni 6.1, l-Università ta' Amsterdam

membri ġodda. Il-biċċa l-kbira tal-forom ta' impjieg l-aktar ġodda, u l-għadd dejjem jikber ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom, ibatu minn nuqqas ta' rappreżentanza. L-istess japplika għall-ħaddiema b'kuntratti għal terminu fiss, li hemm inqas probabbiltà li jingħaqdu f'union. Minħabba l-flessibbiltà f'termini ta' ħin u post tax-xogħol huwa diffiċli għar-rappreżentanti tal-ħaddiema jorganizzaw din il-forza tax-xogħol pjuttost frammentata. F'dawn l-aħħar snin, l-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali ħadu inizjattivi biex jattiraw membri ġodda jew biex isaħħu l-vuċi ta' ċerti gruppi sottorappreżentati (b'mod partikolari ż-żgħażagħ u l-ħaddiema tal-pjattaformi) permezz ta' strateġiji u ta' sforzi mmirati ta' reklutaġġ u permezz tal-ħolqien ta' strutturi speċifiċi fi ħdan l-organizzazzjonijiet. Madankollu, għad fadal l-isfidi u hemm aktar xi jsir, anki sabiex jiġu sfruttati l-opportunitajiet li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni.

Il-ħtieġa li jiġu involuti s-sħab soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politiki u tar-riformi u l-benefiċċji tagħha hija rikonoxxuta u kompliet tiġi żviluppata aktar fil-Linji Gwida dwar l-Impjiegi.

Skont ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2022, li janalizza kif is-sħab soċjali ġew involuti fit-tfassil tal-Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u ta' miżuri oħrajn f'każ ta' kriżi, aktar minn nofs il-miżuri kollha fl-oqsma tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u tal-protezzjoni tal-introjtu ppromulgati minn mindu faqqgħet il-pandemija ġew miftiehma jew innegozjati mas-sħab soċjali.

Jeżistu varjazzjonijiet importanti minn Stat Membru għal ieħor fir-rigward tal-qafas, tal-istrutturi, tal-proċessi u tal-kwalità tad-djalogu soċjali, inkluż in-negozjar kollettiv. Ir-regolamenti statutorji għadhom importanti bħala kundizzjoni biex jiġu introdotti suġġetti ġodda fil-ftehimiet kollettivi, speċjalment f'dawk il-pajjiżi li għandhom regolamentazzjoni b'saħħitha tar-relazzjonijiet tal-impjieg[5]. Il-maġġoranza tal-Istati Membri għandhom stabbilita istituzzjoni nazzjonali formali ta' djalogu soċjali li permezz tagħha r-rappreżentanti tal-impjegaturi, tat-trade unions u tal-gvern jistgħu jiddiskutu kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali ġenerali. Ir-rwol u s-setgħat ta' dawn il-korpi jvarjaw ħafna, iżda normalment ikollhom rwol konsultattiv fl-abbozzar tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki, speċjalment f'oqsma relatati mal-impjiegi, u jistgħu jipprovdu forum għan-negozjar ta' ftehimiet. Barra minn hekk, ħafna pajjiżi għandhom ukoll korpi tripartitiċi li jittrattaw kwistjonijiet speċifiċi, bħas-sigurtà soċjali, l-impjiegi, it-taħriġ, u s-saħħa u s-sikurezza.

Barra minn hekk, f'għadd ta' Stati Membri, is-sħab soċjali ma għandhomx kapaċità organizzazzjonali. Dan ifixkel l-involviment tagħhom f'riformi u fit-tfassil tal-politika rilevanti u jfixkel il-kapaċità tagħhom li jikkonkludu ftehimiet kollettivi. Min-naħa tiegħu, dan jaffettwa l-ibbilanċjar tal-interessi taż-żewġ naħat tal-industrija u jaffettwa l-isforzi tagħhom biex isibu soluzzjonijiet aġġustati sew u biex jinnegozjaw il-pagi.

Il-kundizzjonijiet għal djalogu soċjali li jiffunzjona tajjeb jinkludu l-eżistenza ta' organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u tal-impjegaturi b'saħħithom u indipendenti, bil-kapaċità teknika u bl-aċċess għall-informazzjoni rilevanti biex jipparteċipaw fid-djalogu soċjali; ir-rieda politika u l-impenn mill-awtoritajiet li jinvestu fi tripartiżmu u li jappoġġaw id-djalogu soċjali; ir-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-libertà ta' assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv u l-appoġġ istituzzjonali xieraq[6].

[5] Eurofound (2022), *Moving with the times*: *Emerging practices and provisions in collective bargaining*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu

[6] Pereżempju, ir-Riżoluzzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol dwar id-djalogu soċjali u t-tripartiżmu tal-2018

Il-kumpaniji u l-ħaddiema tal-Ewropa bħalissa qegħdin jiffaċċjaw sfidi kbar li ġejjin mill-impatt tal-pandemija, it-tranżizzjonijiet lejn ekonomija diġitali u newtrali għall-klima, u anki mill-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

Din il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għandha l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri fil-promozzjoni tad-djalogu soċjali u tan-negozjar kollettiv fil-livell nazzjonali, billi tindirizza tliet elementi ewlenin: konsultazzjoni mas-sħab soċjali dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki ekonomiċi, tal-impjiegi u soċjali; l-inkoraġġiment tas-sħab soċjali biex jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi, filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija tagħhom u d-dritt għal azzjoni kollettiva; u t-trawwim ta' appoġġ għal kapaċità akbar tas-sħab soċjali.

Ir-Rakkomandazzjoni tkompli tibni fuq elementi essenzjali ta' djalogu soċjali li jiffunzjona tajjeb fl-Unjoni Ewropea: il-libertà u l-awtonomija kuntrattwali tas-sħab soċjali, ir-rispett għat-tradizzjonijiet, ir-regoli u l-prattiki nazzjonali, kif ukoll l-awtonomija tas-sħab soċjali. L-inizjattiva se tikkomplementa d-Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-UE.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill hija parti mill-inizjattiva ta' Djalogu Soċjali tal-2023 u għalhekk għandha rabta diretta mal-Komunikazzjoni tal-2023 tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "*Strengthening social dialogue in the European Union: harnessing its full potential for managing fair transitions*".

Ir-Rakkomandazzjoni se tikkomplementa u tkun mingħajr preġudizzju għal strumenti diġà eżistenti fil-livell tal-UE. Din se tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Prinċipju 8 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali kif spjegat fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha.

L-UE għandha diversi strumenti għad-dispożizzjoni tagħha biex tappoġġa d-djalogu soċjali nazzjonali jew toħroġ gwida politika relatata, bħall-istrumenti ta' finanzjament (eż. l-FSE+), is-Semestru Ewropew jew il-Qafas ta' Kwalità dwar ir-Ristrutturar.

Qafas komprensiv ta' Direttivi dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema[7], kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tranżnazzjonali, jistabbilixxi r-regoli biex jiġu protetti d-drittijiet tal-ħaddiema fil-livell tal-kumpaniji. Il-qafas ta' kwalità tal-UE għar-ristrutturar jgħin ukoll lill-kumpaniji jantiċipaw il-bidla u jimmitigaw l-effetti soċjali u tal-impjiegi tar-ristrutturar[8]. Hemm ukoll inizjattivi oħrajn tal-Kummissjoni ta' rilevanza għad-djalogu soċjali

[7] Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1); Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16); Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16); Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE li tissupplimenta l-Istatut għal kumpanija Ewropea rigward l-involviment tal-ħaddiema (ĠU L 294, 10.11.2001, p. 22); Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29); Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/72/KE li tissupplimenta l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea fir-rigward tal-involviment tal-impjegati (ĠU L 207, 18.8.2003, p. 25); Id-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28) u d-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).

[8] COM/2013/0882 final, disponibbli online

nazzjonali bħad-Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-UE[9], il-Proposta għal Direttiva dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi[10]. u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Kundizzjonijiet tax-Xogħol Aħjar għal Ewropa Soċjali Aktar b'Saħħitha: l-isfruttament tal-benefiċċji kollha tad-diġitalizzazzjoni għall-futur tax-xogħol"[11].

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din ir-Rakkomandazzjoni hija marbuta mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Linji Gwida dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE għal ftehimiet kollettivi rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom"[12] li għandha l-għan li tiżgura li r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE ma jxekklux in-negozjar kollettiv għal dawk li jaħdmu għal rashom waħedhom li jeħtiġuh.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni adottata dan l-aħħar dwar "L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa"[13] tirrikonoxxi l-ħtieġa li jissaħħaħ l-involviment tas-sħab soċjali fir-reġjuni li jiffaċċjaw nassa tal-iżvilupp tat-talenti, peress li huwa siewi b'mod partikolari biex jinħolqu kundizzjonijiet tax-xogħol imtejbin, pagi adegwati, u biex jiġu indirizzati nuqqasijiet ta' ħiliet u ta' ħaddiema.

Il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, dan l-aħħar adotta Rakkomandazzjoni dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja[14] li tappella lill-Istati Membri jappoġġaw impjiegi ta' kwalità u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fil-kura fit-tul billi jippromwovu d-djalogu soċjali nazzjonali u n-negozjar kollettiv dwar il-kura fit-tul.

Il-promozzjoni tad-djalogu soċjali u tan-negozjar kollettiv fil-livell nazzjonali hija importanti wkoll fil-kuntest tan-negozjati tat-tkabbir li hemm għaddejjin peress li l-pajjiżi kandidati jeħtieġ li jsaħħu l-istrutturi u l-proċessi tad-djalogu soċjali tagħhom biex jilqgħu l-isfidi fid-dinja tax-xogħol li qed tinbidel.

Din l-inizjattiva hija marbuta wkoll mar-relazzjonijiet internazzjonali tal-UE fil-qasam tal-politika soċjali, peress li hija konformi mal-istandards internazzjonali tax-xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u tal-Karta Soċjali Ewropea. Il-valur miżjud tal-azzjoni tal-UE jikkonsisti milli jkomplu jinbnew dawk l-istandards biex ikunu jistgħu jitħaddmu aħjar u jkunu immirati aktar lejn is-swieq tax-xogħol tal-UE.

Id-Direttiva 2014/24/UE[15] dwar l-akkwist pubbliku, id-Direttiva 2014/25/UE[16] dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u postali u d-Direttiva 2014/23/UE[17] dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni huma rilevanti wkoll għal din l-inizjattiva peress li jeħtieġu li l-Istati Membri jirrispettaw id-dritt għall-organizzazzjoni u għan-negozjar kollettiv skont il-Konvenzjoni 87 tal-ILO dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-

9 Id-Direttiva 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33–47)
10 COM(2021) 762 final
11 COM(2021) 761 final
12 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni għal ftehimiet kollettivi rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom 2022/C 374/02 (ĠU C 374, 30.9.2022, p. 2)
13 COM(2023) 32 final
14 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja 2022/C 476/01 (ĠU C 476, 15.12.2022, p. 11)
15 ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65
16 ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243
17 ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1

Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni u l-Konvenzjoni 98 tal-ILO dwar id-Dritt għall-Organizzazzjoni u għan-Negozjar Kollettiv.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

Din il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill hija bbażata fuq l-Artikolu 292 flimkien mal-Artikolu 153(1)(f) tat-Trattat, dan tal-aħħar jippermetti lill-Unjoni tappoġġa u tikkomplementa l-attivitajiet tal-Istati Membri fil-qasam tar-rappreżentanza u tad-difiża kollettiva tal-interessi tal-ħaddiema u tal-impjegaturi, inkluża l-kodeterminazzjoni. Din il-bażi ġuridika tirrikjedi votazzjoni b'unanimità.

F'konformità mal-Artikolu 153(5), huwa meħtieġ li r-Rakkomandazzjoni ma tinkludix dispożizzjonijiet relatati mad-dritt ta' assoċjazzjoni, mad-dritt tal-istrajkjar jew mad-dritt li jiġu imposti lock-outs, li jaqgħu barra mill-kompetenza tal-UE, u ma tinkludihomx.

### • Sussidjarjetà

L-Istati Membri se jfasslu u jagħżlu l-miżuri u l-investimenti. L-Unjoni għandha l-kompetenza li tappoġġa u tikkomplementa l-azzjonijiet li jsiru fl-Istati Membri f'dan il-qasam, f'konformità mal-Artikolu 153(1)(f) tat-TFUE. Il-Proposta tiżgura l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE, li hija bbażata fuq l-appoġġ lill-Istati Membri permezz ta' gwida meħuda mill-varjetà wiesgħa ta' mudelli ta' djalogu soċjali madwar l-UE (filwaqt li tiġi rrispettata d-diversità tas-sistemi nazzjonali). Din se żżomm l-impenn politiku stabbilit skont il-Prinċipju 8 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

### • Proporzjonalità

Il-proposta tappoġġa u tikkomplementa l-isforzi tal-Istati Membri. Tirrispetta d-diversità tas-sistemi ta' djalogu soċjali eżistenti fl-Unjoni, u tirrikonoxxi li kundizzjonijiet speċifiċi fil-livell nazzjonali, settorjali jew reġjonali jistgħu jwasslu għal differenzi fil-mod kif tiġi implimentata r-rakkomandazzjoni. Ma tipproponi l-ebda estensjoni tas-setgħa regolatorja tal-UE jew impenji vinkolanti fuq l-Istati Membri. L-Istati Membri jiddeċiedu, skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom, kif jagħmlu l-aħjar użu mir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

### • Għażla tal-istrument

L-istrument huwa proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill, u dan jirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Jindika l-impenn tal-Istati Membri għall-miżuri stabbiliti f'din ir-Rakkomandazzjoni u jipprovdi bażi politika b'saħħitha għall-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni fid-djalogu soċjali, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ il-mandat tal-Istati Membri u l-awtonomija tas-sħab soċjali.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATTI

### • Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni organizzat diversi attivitajiet ta’ konsultazzjoni, bl-għan li tiżgura bilanċ bejn id-diversi partijiet ikkonċernati fl-UE. Il-konsultazzjonijiet immirati kienu jinkludu seminars ta’ esplorazzjoni u seduta ta’ smigħ speċifika mas-sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni (31 ta’ Mejju 2022), laqgħat iddedikati fil-livell tal-Kummissarji mal-mexxejja tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali trans-industrijali Ewropej, diskussjonijiet fil-laqgħat tal-Kumitat tad-Djalogu Soċjali (it-8 ta’ Frar, l-14 ta’ Ġunju u s-27 ta’ Settembru 2022) u skambji ta’ fehmiet mar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Kumitat tal-Impjiegi (19 ta’ Mejju 2022).

Is-sejħa għall-evidenza dwar l-Inizjattiva ta’ Djalogu Soċjali, inkluż dwar l-Abbozz tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, ġiet ippubblikata fuq il-paġna web “Semma’ leħnek” u kienet miftuħa għall-feedback tal-pubbliku bejn it-22 ta’ Settembru u l-20 ta’ Ottubru 2022. Il-Kummissjoni rċeviet 61 kontribut, u aktar minn nofshom ġew minn organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali.

Is-suġġetti rikorrenti ewlenin li tqajmu matul il-konsultazzjonijiet imsemmija hawn fuq kienu l-ħtieġa li jinħoloq spazju suffiċjenti għas-sħab soċjali biex jinnegozjaw liberament, it-trawwim ta’ atmosfera ta’ fiduċja u involviment fid-djalogu soċjali, il-komunikazzjoni aħjar tar-riżultati u tal-benefiċċji tad-djalogu soċjali, il-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali rikonoxxuti u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jew tip ieħor ta’ rappreżentanza, li tingħata spinta lill-kapaċità tas-sħab soċjali, li s-sħab soċjali jiġu involuti aktar fit-tfassil tal-politiki, l-iżgurar ta’ kooperazzjoni b’saħħitha bejn il-livelli nazzjonali u tal-UE kif ukoll aktar appoġġ istituzzjonali għad-djalogu soċjali. Il-proposta attwali tindirizza dawn il-fehmiet kollha.

Il-Kummissjoni organizzat skambji ta’ fehmiet mal-Parlament Ewropew (bħala parti mid-djalogu strutturat mal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali fl-14 ta’ Ġunju 2022), mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE, fis-17 ta’ Ġunju 2022) u mal-Kumitat tar-Reġjuni (KtR, fil-21 ta’ Ġunju 2022).

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Filwaqt li l-proposta tkompli tibni fuq diversi sorsi ta’ riċerka diġà eżistenti (eż. ir-rapporti tal-Eurofound, tal-ILO u tal-OECD) u skambji ta’ informazzjoni matul avvenimenti speċifiċi, ma ntuża l-ebda espert estern għal din il-proposta.

- **Valutazzjoni tal-impatti**

Dan it-tip ta’ att ma jirrikjedix valutazzjoni tal-impatti.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din il-proposta ma hijiex marbuta mar-REFIT.

- **Drittijiet fundamentali**

Din ir-rakkomandazzjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B’mod partikolari, din ir-rakkomandazzjoni tirrispetta d-dritt ta’ assoċjazzjoni (l-Artikolu 12 tal-Karta) u tikkontribwixxi għaż-żamma tad-dritt ta’ negozjar u azzjoni kollettivi (l-Artikolu 28 tal-Karta).

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja għall-baġit tal-Unjoni u tista' ssir bir-riżorsi umani diġà eżistenti.

## 5. ELEMENTI OĦRA

• **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Paragrafu (13) jipproponi li l-Kummissjoni tiżviluppa indikaturi fi żmien 12-il xahar mill-pubblikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni biex tissorvelja l-implimentazzjoni tagħha b'mod konġunt mal-Kumitat tal-Impjiegi u mas-sħab soċjali rilevanti, kif ukoll li ttejjeb il-kamp ta' applikazzjoni u r-rilevanza tal-ġbir tad-*data* fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali dwar id-djalogu soċjali, anki dwar in-negozjar kollettiv.

Skont il-Paragrafu (14), il-Kummissjoni se timmonitorja b'mod regolari l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni fil-livell nazzjonali u tal-UE, flimkien mal-Istati Membri u mas-sħab soċjali rilevanti, permezz ta' laqgħat tripartitiċi regolari jew mill-inqas ta' darba fis-sena, fil-kuntest tal-għodod ta' sorveljanza multilaterali bis-saħħa tal-gwida tal-Kumitat tal-Impjiegi, kif ukoll fi ħdan is-Semestru Ewropew u fil-kuntest tal-Kumitat tad-Djalogu Soċjali Ewropew.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tevalwa r-Rakkomandazzjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, mas-sħab soċjali, u wara li tikkonsulta partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, l-azzjonijiet meħuda b'rispons għal din ir-Rakkomandazzjoni, u tirrapporta lill-Kunsill sa 4 snin mill-pubblikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni. Abbażi tar-riżultati tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li tagħmel aktar proposti.

• **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

• **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Ir-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Istati Membri huma maħsuba biex jiġu implimentati skont il-liġi u/jew il-prattika nazzjonali, wara konsultazzjoni u b'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, filwaqt li tiġi rrispettata l-awtonomija tagħhom.

Il-Paragrafu (1) jistabbilixxi l-oqsma ewlenin ta' azzjoni. Dan jissottolinja li d-djalogu soċjali għandu żewġ naħat, bipartitiku u tripartitiku, li t-tnejn jirrikjedu ambjent abilitanti. In-negozjar kollettiv huwa parti minn djalogu soċjali bipartitiku u jista' jseħħ fis-settur pubbliku u privat, fil-livelli kollha inklużi l-livell trans-industrijali, settorjali, tal-kumpaniji jew reġjonali.

L-ambjent abilitanti għad-djalogu soċjali bipartitiku u tripartitiku għandu jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' negozjar kollettiv, jippromwovi trade unions u organizzazzjonijiet tal-impjegaturi b'saħħithom u indipendenti, jinkludi miżuri biex tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom, jiżgura l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti, jippromwovi l-involviment fid-djalogu soċjali min-naħa tal-partijiet kollha, jibni fuq ir-rivoluzzjoni diġitali biex jadatta għad-dinja l-ġdida tax-xogħol u jiżgura appoġġ istituzzjonali xieraq.

Il-Paragrafu (2) jiffoka fuq id-dimensjoni tripartitika tad-djalogu soċjali u l-involviment f'waqtu, sistemiku u sinifikattiv tas-sħab soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-impjiegi u soċjali u, meta rilevanti, tal-politiki ekonomiċi u politiki pubbliċi oħra.

Il-Paragrafu (3) jirreferi għall-aċċess għall-informazzjoni rilevanti għas-sħab soċjali dwar is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali ġenerali tal-pajjiż u s-sitwazzjoni u l-politiki rilevanti għas-setturi ta' attività rispettivi biex jipparteċipaw fid-djalogu soċjali u fin-negozjar kollettiv.

Il-Paragrafu (4) u s-sottopunti tiegħu jindirizzaw il-kwistjoni tar-rikonoxximent u tar-rappreżentattività. Dan jirrakkomanda lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-proċeduri rilevanti jkunu miftuħa u trasparenti, ibbażati fuq kriterji stabbiliti minn qabel u oġġettivi fir-rigward tal-karattru rappreżentattiv tal-organizzazzjonijiet u li tali kriterji u proċeduri jiġu stabbiliti b'konsultazzjoni mat-trade unions u mal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi. Ifakkar ukoll li fejn ikun hemm il-preżenza kemm tar-rappreżentanti tat-trade unions kif ukoll tar-rappreżentanti eletti fl-istess impenn, għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex jiġi żgurat li l-eżistenza ta' rappreżentanti eletti ma tintużax biex tiddgħajjef il-pożizzjoni tat-trade unions ikkonċernati jew tar-rappreżentanti tagħhom. Fl-aħħar nett, dan jirreferi għad-demarkazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Il-Paragrafu (5) jenfasizza l-protezzjoni tas-sħab soċjali minn kwalunkwe miżura ta' ħsara jew illegali relatata mal-eżerċitar tad-dritt(ijiet) tagħhom ta' negozjar kollettiv.

Il-Paragrafu (6) jippreżenta l-ħtieġa li titrawwem il-fiduċja fis-sħab soċjali u bejniethom u li tiġi promossa l-konklużjoni ta' ftehimiet kollettivi. Dan jappella għal soluzzjoni alternattiva għat-tilwim biex tappoġġa l-infurzar tad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mil-liġi jew minn ftehimiet kollettivi, bħall-konċiljazzjoni, il-medjazzjoni u l-arbitraġġ, kollha bl-għan li jiġu ffaċilitati n-negozjati u tittejjeb l-applikazzjoni ta' ftehimiet ta' negozjar kollettiv.

Il-Paragrafu (7) jindirizza l-livell ta' negozjar kollettiv, peress li dan tal-aħħar jeħtieġ li jkun possibbli fil-livelli eżistenti kollha kif ukoll jinkoraġġixxi l-koordinazzjoni fost dawn il-livelli.

Il-Paragrafu (8) jinkludi diversi modi kif tiġi promossa l-kopertura tan-negozjar kollettiv u jiġi permess negozjar kollettiv effettiv.

Il-Paragrafu (9) jirreferi għal attivitajiet ta' komunikazzjoni biex jiġu promossi b'mod attiv il-benefiċċji u l-valur miżjud tad-djalogu soċjali u tan-negozjar kollettiv.

Il-Paragrafu (10) fih diversi modi biex tingħata spinta lill-kapaċità tas-sħab soċjali nazzjonali sabiex jiġu appoġġati biex jipparteċipaw b'suċċess fid-djalogu soċjali, inkluż fin-negozjar kollettiv u fil-Ftehimiet Awtonomi tas-Sħab Soċjali fil-livell tal-UE dwar l-implimentazzjoni.

Il-Paragrafi (11) u (12) jirreferu, rispettivament, għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni u għar-rapportar lill-Kummissjoni u, għall-possibbiltà li s-sħab soċjali jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-partijiet rilevanti ta' din ir-Rakkomandazzjoni, meta applikabbli f'konformità mal-liġi jew mal-prattika nazzjonali.

L-aħħar tliet paragrafi jirreferu għal miżuri li l-Kummissjoni beħsiebha tieħu sabiex tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni, kif ukoll fil-monitoraġġ tagħha.

2023/0012 (NLE)

Proposta għal

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

## dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 292, flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (f) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Kunsill, fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2019, bit-titolu "The future of work: the Union promoting the ILO Centenary Declaration" iħeġġeġ lill-Istati Membri jkomplu bl-isforzi tagħhom biex jirratifikaw u jimplimentaw b'mod effettiv il-Konvenzjonijiet tal-ILO. Il-Kunsill jappella wkoll lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex itejbu d-djalogu soċjali fil-livelli kollha u fil-forom kollha tiegħu, inkluża l-kooperazzjoni transfruntiera, sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni attiva tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-futur tax-xogħol u fil-bini tal-ġustizzja soċjali, inkluż permezz tar-rikonoxximent effettiv tad-dritt ta' negozjar kollettiv u permezz ta' riflessjoni dwar pagi minimi adegwati, kemm dawk statutorji kif ukoll dawk innegozjati.

(2) Fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-2016 dwar il-Bidu l-Ġdid għad-Djalogu Soċjali ffirmata fis-27 ta' Ġunju 2016 mill-Kummissjoni, mill-Presidenza Netherlandiża tal-Kunsill u mis-sħab soċjali Ewropej, is-sħab soċjali transindustrijali u settorjali fil-livell tal-Unjoni impenjaw ruħhom li jkomplu l-isforzi u jivvalutaw il-ħtieġa ta' aktar azzjonijiet fid-djalogi soċjali rispettivi tagħhom biex jilħqu lill-affiljati li għadhom ma humiex koperti fl-Istati Membri u biex itejbu s-sħubija u r-rappreżentattività kemm tat-trade unions kif ukoll tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi.

(3) Il-Prinċipju 8 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jistipula li s-sħab soċjali għandhom jiġu kkonsultati dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki ekonomiċi, tal-impjiegi u soċjali skont il-prattiki nazzjonali. Dawn għandhom jiġu mħeġġa jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi fi kwistjonijiet rilevanti għalihom, filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija u d-dritt tagħhom għal azzjoni kollettiva. Jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ ukoll l-appoġġ biex tiżdied il-kapaċità tas-sħab soċjali li jippromwovu d-djalogu soċjali. L-Impenn Soċjali ta' Porto[18] stieden ukoll lill-atturi rilevanti kollha jippromwovu d-djalogu soċjali awtonomu bħala komponent ta' struttura tal-mudell soċjali Ewropew u jsaħħuh fil-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali, settorjali u tal-kumpaniji, b'enfasi partikolari fuq l-iżgurar ta' qafas abilitanti għan-negozjar kollettiv fi ħdan id-diversi mudelli fl-Istati Membri.

[18] L-Impenn Soċjali ta' Porto ffirmat fis-Summit Soċjali ta' Porto fis-7 ta' Mejju 2021 mill-Presidenza Portugiża tal-Kunsill tal-UE, mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Parlament Ewropew u mis-sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni u mill-Pjattaforma Soċjali, biex jissaħħaħ l-impenn għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (https://www.2021portugal.eu/en/porto-social-summit/porto-social-commitment)

(4) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu dwar Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tad-19 ta' Jannar 2017, il-Parlament Ewropew jisħaq fuq l-importanza tad-dritt ta' negozjar u ta' azzjoni kollettivi bħala dritt fundamentali stabbilit fil-liġi primarja tal-Unjoni. Il-Parlament jistenna wkoll li l-Kummissjoni żżid l-appoġġ konkret għat-tisħiħ u għar-rispett tad-djalogu soċjali fil-livelli u fis-setturi kollha, b'mod partikolari meta dan ma jkunx żviluppat biżżejjed, filwaqt li jitqiesu prattiki nazzjonali diversi. Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-impjiegi u l-politiki soċjali taż-żona tal-euro tal-10 ta' Ottubru 2019, il-Parlament Ewropew jiddikjara li d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv huma kruċjali għat-tfassil u għall-implimentazzjoni ta' politiki li jistgħu jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-termini tal-impjieg u jappella għal inizjattiva koordinata tal-Unjoni biex tiġi estiża l-kopertura tal-ftehim kollettiv għall-ħaddiema tal-pjattaformi. Il-Parlament Ewropew jistieden ukoll lill-Istati Membri biex fejn ikun meħtieġ isaħħu l-opportunitajiet għan-negozjar kollettiv.

(5) Il-Linja Gwida 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2296[19] tistieden lill-Istati Membri biex, fost affarijiet oħra, jaħdmu flimkien mas-sħab soċjali dwar kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, trasparenti u prevedibbli, l-ibbilanċjar tad-drittijiet u l-obbligi, u l-iżgurar tal-involviment f'waqtu u sinifikattiv tas-sħab soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' riformi u politiki tal-impjiegi, soċjali u, meta rilevanti, ekonomiċi, inkluż billi tiġi appoġġata kapaċità akbar tas-sħab soċjali. Il-Linja Gwida tappella wkoll lill-Istati Membri biex irawmu d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv u biex iħeġġu lis-sħab soċjali jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi fi kwistjonijiet rilevanti għalihom, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ l-awtonomija tagħhom u d-dritt għal azzjoni kollettiva. L-istħarriġ annwali dwar it-tkabbir għall-2019[20] ifakkar li f'kuntest ta' tnaqqis tal-kopertura tan-negozjar kollettiv, il-politiki li jsaħħu l-kapaċità istituzzjonali tas-sħab soċjali jistgħu jkunu ta' benefiċċju f'pajjiżi fejn id-djalogu soċjali huwa dgħajjef jew ġie affettwat b'mod negattiv mill-kriżi. L-istħarriġ annwali dwar it-tkabbir sostenibbli tal-2022[21] jiddikjara li l-involviment sistematiku tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra huwa kruċjali għas-suċċess tal-koordinazzjoni u tal-implimentazzjoni tal-politika ekonomika u tal-impjiegi. Filwaqt li f'xi Stati Membri, is-sħab soċjali għandhom rwol sinifikanti u huma involuti b'mod xieraq fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politika, inħarġu diversi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew lil Stati Membri oħra fir-rigward tat-titjib tad-djalogu soċjali u dwar l-involviment tas-sħab soċjali fit-tfassil u/jew fl-implimentazzjoni tar-riformi.

(6) Fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[22], il-Kummissjoni ħabbret, inizjattiva biex tappoġġa d-djalogu soċjali fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali. Dak il-Pjan ta' Azzjoni jissottolinja wkoll li jeħtieġ li jissaħħaħ id-djalogu soċjali fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u appella biex jissaħħu l-isforzi biex tiġi appoġġata l-kopertura tan-negozjar kollettiv u biex is-sħubija u d-densità organizzazzjonali tas-sħab soċjali ma jitħallewx jitnaqqsu.

(7) Id-djalogu soċjali, inkluż in-negozjar kollettiv, huwa għodda kruċjali u ta' benefiċċju għal ekonomija soċjali tas-suq li tiffunzjona tajjeb, li tmexxi r-reżiljenza ekonomika u

[19] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2296 tal-21 ta' Novembru 2022 dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (ĠU L 304, 24.11.2022, p. 67)

[20] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2019: Għal Ewropa aktar b'saħħitha quddiem l-inċertezza globali, COM/2018/770 final

[21] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2022, COM/2021/740 final

[22] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, COM/2021/102 final

soċjali, il-kompetittività, l-istabbiltà u t-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli u inkluživ. Id-djalogu soċjali għandu wkoll rwol importanti fit-tfassil tal-futur tax-xogħol, filwaqt li jqis xejriet partikolari fil-globalizzazzjoni, fit-teknoloġija, fid-demografija u fit-tibdil fil-klima. L-Istati Membri li għandhom oqfsa robusti għad-djalogu soċjali u kopertura għolja tan-negozjar kollettiv għandhom it-tendenza li jkollhom ekonomiji aktar kompetittivi u reżiljenti.

(8) L-esperjenza turi li d-djalogu soċjali jikkontribwixxi għall-ġestjoni effettiva tal-kriżijiet. L-ekonomiji kienu aktar reżiljenti wara l-kriżi tal-2008 kull meta s-sħab soċjali setgħu jimmaniġġaw u jadattaw l-istrutturi ta' negozjar kollettiv kmieni minn qabel. Il-kriżi riċenti tal-COVID-19 uriet li d-djalogu soċjali huwa għodda essenzjali għall-ġestjoni bilanċjata tal-kriżijiet u biex jinstabu politiki effettivi ta' mitigazzjoni u rkupru. Lil hinn mill-kriżi umanitarja, l-aggressjoni militari mhux ipprovokata u mhux ġustifikata tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna wasslet għal żidiet bla preċedent fil-prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija. Is-sħab soċjali għandhom rwol importanti fir-rispons għal xi wħud minn dawn l-isfidi, b'mod partikolari fir-rigward tal-integrazzjoni tan-nies li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna kif ukoll ta' kunflitti oħra, lejn is-suq tax-xogħol tal-Unjoni, u biex jinstabu soluzzjonijiet sostenibbli għall-aġġustament tal-pagi u tal-ftehimiet kollettivi.

(9) It-tibdil teknoloġiku kontinwu, iż-żieda fl-awtomatizzazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika għan-newtralità klimatika qed jimxu b'mod rapidu fl-ekonomija kollha, b'impatti li jvarjaw minn settur għal ieħor, minn okkupazzjoni għal oħra, minn reġjun u minn pajjiż għal ieħor. Is-sħab soċjali għandhom rwol kruċjali x'jaqdu biex jgħinu biex jantiċipaw, ibiddlu u jindirizzaw, permezz tad-djalogu, tan-negozjar u tal-azzjoni konġunta meta rilevanti, il-konsegwenzi soċjali u fl-impjiegi tal-isfidi tar-ristrutturar ekonomiku u tat-tranżizzjoni doppja li għaddejja. Fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Pjan RePowerEU, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika[23] tistieden lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw, b'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali rilevanti, pakketti ta' politika komprensivi u koerenti, biex isegwu approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha u biex jagħmlu l-aħjar użu mill-finanzjament pubbliku u privat.

(10) L-arranġamenti u l-proċessi tad-djalogu soċjali jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, u jirriflettu l-istejjer, l-istituzzjonijiet, u s-sitwazzjonijiet ekonomiċi u politiċi diiversi tal-pajjiżi. Djalogu soċjali effettiv jimplika, fost l-oħrajn, l-eżistenza ta' mudelli ta' relazzjonijiet industrijali li fihom is-sħab soċjali jistgħu jinnegozjaw b'rieda tajba u jeżerċitaw b'mod awtonomu l-prattiki tagħhom ta' negozjar kollettiv u ta' parteċipazzjoni tal-ħaddiema. Fost il-kundizzjonijiet abilitanti għal djalogu soċjali li jiffunzjona tajjeb hemm: (i) l-eżistenza tal-kapaċità teknika ta' trade unions u organizzazzjonijiet tal-impjegaturi b'saħħithom u indipendenti; (ii) l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti għall-parteċipazzjoni fid-djalogu soċjali; (iii) impenn li jsir djalogu soċjali min-naħa tal-partijiet kollha; (iv) ir-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-libertà ta' assoċjazzjoni u tan-negozjar kollettiv; u (v) appoġġ istituzzjonali xieraq.

(11) Id-djalogu soċjali jinkludi kemm konsultazzjonijiet u negozjati tripartitiċi kif ukoll bipartitiċi li jseħħu fil-livelli kollha, bħal pereżempju transsettorjali, settorjali, tal-grupp ta' kumpaniji, tal-kumpaniji, nazzjonali, reġjonali jew lokali. Id-djalogu soċjali tripartitiku nazzjonali jlaqqa' flimkien lill-gvern, lill-ħaddiema u lill-impjegaturi biex jiddiskutu politiki pubbliċi, liġijiet u deċiżjonijiet oħra li jaffettwaw lis-sħab soċjali. Il-

[23] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika, 2022/C 243/04 (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 35)

konsultazzjonijiet tripartitiċi jistgħu jiżguraw li jkun hemm aktar kooperazzjoni bejn is-sħab tripartitiċi, u joħolqu l-kunsens dwar il-politiki nazzjonali rilevanti. Il-ftehim tripartitiku jeħtieġ li jkompli jibni fuq djalogu soċjali bipartitiku b'saħħtu. Sabiex jittejbu l-proċessi tripartitiċi, jenħtieġ ukoll li l-gvernijiet ifasslu l-politiki b'aktar trasparenza, bħal fil-każ ta' politiki li jikkonċernaw il-kwalità tas-suq tax-xogħol u r-rilevanza tal-opportunitajiet ta' taħriġ.

(12) In-negozjati bipartitiċi, b'mod partikolari n-negozjar kollettiv, iseħħu bejn l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u tal-impjegaturi kif iddefinit mil-liġi jew mill-prattika nazzjonali. Organizzazzjoni tal-ħaddiema ġeneralment tkun trade union, magħmula mill-assoċjazzjoni tal-ħaddiema jew ta' trade unions oħra (jew mit-tnejn) maħluqa bl-għan li jiġu promossi u difiżi l-interessi tal-ħaddiema, f'konformità mal-liġi u/jew mal-prattika nazzjonali. Organizzazzjoni tal-impjegaturi hija organizzazzjoni li s-sħubija tagħha tikkonsisti minn impjegaturi individwali, minn assoċjazzjonijiet oħra ta' impjegaturi jew mit-tnejn li huma, maħluqa bl-għan li taqdi u tiddefendi l-interessi tal-membri tagħha, f'konformità mal-liġi u/jew mal-prattika nazzjonali.

(13) Bi qbil mal-Konvenzjoni 135 dwar ir-Rappreżentanti tal-Ħaddiema tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, li bħalissa hija rratifikata minn 24 Stat Membru, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jistgħu jkunu persuni li huma: (i) rikonoxxuti bħala tali skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali, kemm jekk ikunu rappreżentanti tat-trade unions, jiġifieri rappreżentanti maħtura jew eletti minn trade unions jew minn membri ta' tali trade unions; jew (ii) rappreżentanti eletti, jiġifieri, rappreżentanti li jiġu eletti liberament mill-ħaddiema tal-impriża f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet jew tar-regolamenti nazzjonali jew tal-ftehimiet kollettivi u li l-funzjonijiet tagħhom ma jinkludux attivitajiet li huma rikonoxxuti bħala l-prerogattiva esklużiva tat-trade unions fil-pajjiż ikkonċernat. Meta fl-istess impriża jkun hemm kemm rappreżentanti tat-trade unions kif ukoll rappreżentanti eletti, tali rappreżentanza madankollu jenħtieġ li ma tintużax biex iddgħajjef il-pożizzjoni tat-trade unions ikkonċernati jew tar-rappreżentanti tagħhom. Kemm ir-rikonoxximent reċiproku tas-sħab soċjali kif ukoll ir-rikonoxximent statutorju tat-trade unions u tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi mill-awtoritajiet ta' kull Stat Membru huma kruċjali biex ikun suċċess qafas ta' negozjar kollettiv, dment li l-impjegaturi u l-ħaddiema jkunu jistgħu jagħżlu liberament liema organizzazzjoni(jiet) se tirrappreżentahom/jirrappreżentawhom. F'xi Stati Membri dan ir-rikonoxximent huwa limitat għal organizzazzjonijiet li jissodisfaw kriterji speċifiċi ta' rappreżentanza. Jenħtieġ li tali kriterji jiġu stabbiliti b'konsultazzjoni mas-sħab soċjali u jenħtieġ li jkunu oġġettivi u proporzjonati. Jenħtieġ li jiġu vvalutati fi proċess ta' approvazzjoni li jkun miftuħ u trasparenti, u li ma jfixkilx l-iżvilupp sħiħ tan-negozjar kollettiv. Fin-nuqqas ta' trade unions fil-livell tal-kumpaniji, il-ftehimiet kollettivi jistgħu jiġu nnegozjati u konklużi mir-rappreżentanti tal-ħaddiema li jkunu ġew eletti u awtorizzati minnhom kif xieraq f'konformità mal-liġi jew mal-prattika nazzjonali.

(14) In-negozjar kollettiv ikopri kwistjonijiet relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u mat-termini tal-impjieg bħall-pagi, is-sigħat tax-xogħol, il-bonus annwali, il-liv annwali, il-liv tal-ġenituri, it-taħriġ, u s-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali. Għalhekk, huwa rilevanti b'mod partikolari biex jipprevjeni kunflitti dwar ix-xogħol, għat-titjib tal-pagi u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, u għat-tnaqqis tal-inugwaljanza fil-pagi. In-negozjar kollettiv huwa għodda kruċjali biex jgħin lill-ħaddiema u lill-kumpaniji jadattaw għal dinja tax-xogħol li qed tinbidel u jsawru t-tfassil u d-definizzjoni ta' elementi ġodda tal-protezzjoni tax-xogħol, bħad-dritt għall-iskonnessjoni mix-xogħol, jew biex itejbu

l-elementi eżistenti, bħall-protezzjoni mill-vjolenza u mill-fastidju fuq il-post tax-xogħol. Għandu wkoll rwol ewlieni fl-indirizzar tal-impatti ta' kriżijiet mhux mistennija, bħall-pandemija tal-COVID-19.

(15) Il-funzjonament ta' sistema ta' negozjar kollettiv huwa ddeterminat minn taħlita ta' karatteristiċi diversi, bħall-użu ta' klawżoli *erga omnes* u estensjonijiet ta' ftehimiet kollettivi, it-tul medju tagħhom, l-użu tal-prinċipju ta' favorabbiltà, il-ġerarkija tan-normi u l-użu ta' derogi minn ftehimiet kollettivi konklużi f'livell ogħla ta' negozjar kollettiv kif ukoll ir-rati ta' densità tat-trade unions u tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi. Hemm diversità wiesgħa ta' approċċi mogħtija għal klawżoli *erga omnes* u għal estensjonijiet amministrattivi fl-Istati Membri, bi qbil mal-liġijiet jew mal-prattiki tagħhom jew mat-tnejn li huma. Sistema ta' negozjar kollettiv li tiffunzjona tajjeb tinkludi proċeduri għall-kooperazzjoni, għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn il-partijiet.

(16) In-negozjar kollettiv jista' jsir f'livelli diversi. In-negozjar jista' jkun deċentralizzat ħafna (li jseħħ l-aktar fil-livell tal-kumpaniji), ċentralizzat ħafna (fil-livell nazzjonali) jew isir f'livell intermedju, fil-livell ta' setturi jew ta' reġjuni. In-negozjar kollettiv qed iseħħ dejjem aktar f'aktar minn livell wieħed. F'xi każijiet, il-ftehimiet settorjali jew fil-livell tal-kumpaniji jsegwu l-linji gwida stabbiliti minn organizzazzjonijiet ta' livell ogħla; f'każijiet oħra, xi setturi jew kumpaniji jsegwu l-istandards stabbiliti f'settur ieħor. Għalhekk, il-koordinazzjoni bejn il-livelli ta' negozjar hija pilastru ewlieni tas-sistemi ta' negozjar kollettiv. Il-prinċipju ta' favorabbiltà u d-derogi mill-ftehimiet kollettivi konklużi f'livell ogħla ta' negozjar kollettiv jistabbilixxu l-qafas ġenerali li jirregola r-relazzjoni bejn livelli differenti ta' negozjar. F'dan il-kuntest, il-possibbiltà ta' derogi, u l-kundizzjonijiet biex jiġu applikati f'livell aktar baxx, tista' tiġi stabbilita fi ftehimiet kollettivi ta' livell ogħla jew fil-liġi. Il-klawżoli ta' deroga jistgħu jippermettu s-sospensjoni jew in-negozjar mill-ġdid ta' (parti minn) ftehim kollettiv, sabiex jiġu stabbiliti livelli jew kundizzjonijiet alternattivi għal dawk preskritti mill-ftehim, meta jkun iġġustifikat u miftiehem mis-sħab soċjali.

(17) Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, ir-rati ta' negozjar kollettiv għandhom it-tendenza li jkunu ogħla għall-impjegati fuq kuntratti permanenti u għal dawk li jaħdmu f'kumpaniji akbar jew f'setturi speċifiċi, bħas-settur pubbliku. Ġeneralment, il-ħaddiema f'kumpaniji żgħar għandhom inqas probabbiltà li jiġu koperti, peress li dawn il-kumpaniji ħafna drabi ma jkollhomx il-kapaċità li jinnegozjaw ftehim fil-livell tal-kumpanija, jew minħabba li ma tkunx teżisti union jew xi forma oħra ta' rappreżentanza tal-ħaddiema fil-post tax-xogħol. L-organizzazzjoni tal-ħaddiema hija partikolarment diffiċli f'sitwazzjonijiet ta' impjieg mhux standard u l-biċċa l-kbira tal-forom aktar ġodda ta' impjieg ibatu minn nuqqas ta' rappreżentanza. In-nuqqas konsiderevoli ta' rappreżentanza ta' dawn it-tipi ta' ħaddiema jista' jiġi attribwit, minn naħa, għall-ispiża tar-rappreżentanza tagħhom u, min-naħa l-oħra, għall-flessibbiltà f'termini ta' ħin u post tax-xogħol, li jagħmilha diffiċli għar-rappreżentanti tal-ħaddiema biex jorganizzaw din il-forza tax-xogħol pjuttost frammentata. Iż-żieda fil-kapaċità tas-sħab soċjali tgħinhom ikomplu jżidu l-kontribut tagħhom għat-tfassil tal-politiki u jkollhom djalogu soċjali u negozjar kollettiv aktar effettivi. L-attivitajiet tal-bini tal-kapaċitajiet tipikament jgħinu lis-sħab soċjali jżidu l-bażi tas-sħubija tagħhom (inkluż permezz tal-użu tat-teknoloġija, tal-forniment ta' servizzi u attivitajiet ġodda fil-livell tal-iskola jew tal-università eċċ.) u l-kapaċitajiet umani u amministrattivi tagħhom, jippromwovu l-kapaċitajiet tagħhom orjentati lejn il-proċessi u jappoġġaw l-iżvilupp organizzazzjonali tagħhom. Tali attivitajiet jinkludu l-forniment ta' taħriġ speċjalizzat, ta' appoġġ tekniku u loġistiku u ta' finanzjament. Il-bini tal-kapaċitajiet

huwa l-ewwel nett proċess minn isfel għal fuq, li jiddependi mir-rieda u mill-isforzi tas-sħab soċjali nfushom li huma fl-aħjar pożizzjoni biex jidentifikaw il-ħtiġijiet tagħhom u jindikaw il-miżuri li diġà qed jieħdu biex isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom. Imbagħad, dawn l-isforzi jistgħu jiġu kkomplementati u/jew appoġġati mill-awtoritajiet pubbliċi, u anki billi jsir użu mill-finanzjament tal-Unjoni, filwaqt li tiġi rrispettata l-awtonomija tas-sħab soċjali.

(18) Xi Stati Membri ħadu miżuri biex jappoġġaw id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv billi: (i) wessgħu l-opportunitajiet għad-djalogu soċjali; (ii) ippromwovew l-awtonomija tas-sħab soċjali u r-rispett għal-libertà kuntrattwali tagħhom; (iii) ħeġġew opinjonijiet, programmi u proġetti konġunti; (iv) qasmu l-informazzjoni b'mod regolari; (v) ippromwovew it-taħriġ fin-negozjar; (vi) ipprovdew mekkaniżmi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim bħall-konċiljazzjoni, il-medjazzjoni u l-arbitraġġ; (vii) saħħew il-protezzjoni tal-ħaddiema minn ritaljazzjoni jew diskriminazzjoni b'riżultat tal-involviment tagħhom fin-negozjar kollettiv.

(19) Madankollu, f'ħafna Stati Membri, id-djalogu soċjali jinsab taħt pressjoni. Filwaqt li d-densità tal-impjegaturi għadha relattivament stabbli, anki jekk b'xejra ta' tnaqqis f'diversi pajjiżi tal-UE, id-densità tat-trade unions naqset bħala medja fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, is-sehem tal-ħaddiema koperti minn ftehimiet kollettivi (il-kopertura tan-negozjar kollettiv) huwa żgħir fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u, minkejja diversi strateġiji mill-organizzazzjonijiet tat-trade unions biex jestendu l-firxa tagħhom għal forom ta' impjieg mhux standard, naqas b'mod sinifikanti matul l-aħħar 30 sena. F'xi każijiet, ir-regoli eżistenti jistgħu jippreżentaw lakuni b'effett potenzjalment detrimentali fuq id-djalogu soċjali. Dawn jistgħu jinkludu: (i) kundizzjonijiet stretti ta' rappreżentanza; (ii) interferenza fil-proċess ta' negozjar jew limitazzjonijiet żejda fuq is-suġġetti ta' negozjar kollettiv, (iii) delineazzjoni żbaljata tas-setturi ekonomiċi li tippreklud l-formazzjoni ta' strutturi ta' negozjar kollettiv fil-livell tas-setturi; (iv) in-nuqqas ta' infurzar ta' ftehimiet kollettivi; (v) protezzjoni ineffettiva mid-diskriminazzjoni kontra l-unions; (vi) proċeduri ta' konsultazzjoni mhux effettivi; (vii) in-nuqqas ta' kostruttività fin-negozjati; (viii) in-nuqqas ta' kapaċità ta' negozjar jew ta' parteċipazzjoni sħiħa fi proċeduri ta' konsultazzjoni.

(20) Ir-rappreżentattività u l-kapaċità tas-sħab soċjali nazzjonali jeħtieġ li jissaħħu wkoll bil-ħsieb li jkun hemm implimentazzjoni fil-livell nazzjonali tal-ftehimiet awtonomi tas-sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat qafas abilitanti għad-djalogu soċjali, inkluż in-negozjar kollettiv, u li s-sħab soċjali nazzjonali jkollhom kapaċità suffiċjenti biex jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-ħidma tad-djalogu soċjali fil-livell tal-Unjoni u biex jimplimentaw fil-livell nazzjonali l-ftehimiet qafas iffirmati mis-sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni.

(21) Id-Direttiva 2014/24/UE[24] dwar l-akkwist pubbliku, id-Direttiva 2014/25/UE[25] dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u d-Direttiva 2014/23/UE[26] dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni jirrikjedu li l-Istati Membri jirrispettaw id-dritt għall-organizzazzjoni u n-negozjar kollettiv wara l-Konvenzjoni 87 tal-ILO dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni u l-Konvenzjoni 98 tal-ILO dwar id-Dritt għall-Organizzazzjoni u n-Negozjar Kollettiv.

---

[24] ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65
[25] ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243
[26] ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1

(22) In-negozjar kollettiv jenħtieġ li jkun disponibbli għall-ħaddiema kollha li jkunu f'sitwazzjonijiet komparabbli, inklużi dawk li jaħdmu għal rashom. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li ftehim kollettiv, li jkopri fornituri ta' servizzi li jaħdmu għal rashom, jista' jitqies bħala r-riżultat ta' djalogu bejn il-maniġment u l-ħaddiema jekk il-fornituri tas-servizzi jkunu f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik tal-ħaddiema[27]. Barra minn hekk, hija kkonfermat li " ma huwiex dejjem faċli li fl-ekonomija attwali jiġi ddeterminat l-istatus ta' impriża ta' ċerti fornituri li jaħdmu għal rashom"[28].

(23) Il-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni għal ftehimiet kollettivi rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom[29] għandhom l-għan li jiċċaraw meta l-persuni li jaħdmu għal rashom jistgħu jinnegozjaw kollettivament kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar mingħajr ma jiksru r-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

(24) Il-Proposta għal Direttiva dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi[30] tinkludi dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jippromwovu d-djalogu soċjali fl-immaniġġar algoritmiku billi jintroduċu drittijiet kollettivi fir-rigward tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni dwar bidliet sostanzjali relatati mal-użu ta' sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u teħid ta' deċiżjonijiet.

(25) Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31] isostni l-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw parteċipazzjoni adegwata tas-sħab soċjali fit-twettiq ta' politiki appoġġati mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u jsaħħaħ l-obbligu li jiġi appoġġat il-bini tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi allokat ammont xieraq ta' riżorsi tal-FSE+ mill-Istati Membri għall-bini tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili. L-Istati Membri li għandhom rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew f'dan il-qasam jenħtieġ li jallokaw mill-inqas 0,25 % tar-riżorsi tal-FSE+ tagħhom b'ġestjoni kondiviża għal dan il-għan.

(26) Din ir-Rakkomandazzjoni se tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Prinċipju 8 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Tinkoraġġixxi miżuri li huma adattati għat-tradizzjonijiet, għar-regoli u għall-prattiki nazzjonali, u b'hekk jiġu rrispettati l-ispeċifiċitajiet nazzjonali kif ukoll l-awtonomija tas-sħab soċjali. Din ir-Rakkomandazzjoni tikkomplementa u hija mingħajr preġudizzju għal strumenti diġà eżistenti fil-livell tal-Unjoni.

(27) Din ir-Rakkomandazzjoni ma għandha taħt ebda ċirkostanza tissejjaħ ġustifikazzjoni għat-tnaqqis tal-livell ta' appoġġ li diġà jingħata għad-djalogu soċjali, inkluż in-negozjar kollettiv, fl-Istati Membri. Lanqas ma tipprekludi lill-Istati Membri milli jistabbilixxu miżuri ta' appoġġ aktar b'saħħithom u dispożizzjonijiet aktar avvanzati

---

[27] Is-Sentenza tal-4 ta' Diċembru 2014, FNV Kunsten Informatie en Media v Staat der Nederlanden, C-413/13, EU:C:2014:2411, il-punti 31 u 42

[28] Is-Sentenza tal-4 ta' Diċembru 2014, FNV Kunsten Informatie en Media v Staat der Nederlanden, C-413/13, EU:C:2014:2411, il-punt 32

[29] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni għal ftehimiet kollettivi rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom 2022/C 374/02 (ĠU C 374, 30.9.2022, p. 2)

[30] Il-Proposta għal Direttiva dwar it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi, COM(2021) 762 final

[31] Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21)

għad-djalogu soċjali, inkluż in-negozjar kollettiv, li jvarjaw minn dawk inklużi f'din ir-Rakkomandazzjoni.

(28) Din ir-Rakkomandazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri rigward id-dritt ta' assoċjazzjoni, id-dritt tal-istrajkjar u d-dritt li jiġu imposti lock-outs, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 153(5) tat-TFUE, kif ukoll rigward l-awtonomija tas-sħab soċjali.

GĦALL-FINIJIET TA' DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI, JAPPLIKAW ID-DEFINIZZJONIJIET LI ĠEJJIN:

(1) "Djalogu soċjali" tfisser kull tip ta' negozjar, konsultazzjoni jew skambju ta' informazzjoni bejn, jew fost, rappreżentanti tal-gvernijiet, tal-impjegaturi u tal-ħaddiema, dwar kwistjonijiet ta' interess komuni relatati mal-politika ekonomika u soċjali, li jeżistu bħala relazzjonijiet bipartitiċi bejn il-ħaddiema u l-maniġment, inkluż in-negozjar kollettiv, jew bħala proċess tripartitiku, mal-gvern bħala parti uffiċjali għad-djalogu u dan jista' jkun informali jew istituzzjonalizzat jew kombinazzjoni tat-tnejn, li jseħħ fil-livell nazzjonali, reġjonali jew tal-intrapriżi transindustrijali, settorjali jew kombinazzjoni tagħhom.

(2) "Negozjar kollettiv" tfisser in-negozjati kollha li jseħħu skont il-liġijiet u l-prattiki nazzjonali f'kull Stat Membru bejn impjegatur, grupp ta' impjegaturi jew organizzazzjoni waħda jew aktar ta' impjegaturi, minn naħa waħda, u trade union waħda jew aktar, min-naħa l-oħra, għad-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tat-termini tal-impjieg.

(3) "Ftehim kollettiv" tfisser ftehim bil-miktub rigward id-dispożizzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-termini tal-impjieg konklużi mis-sħab soċjali li għandhom il-kapaċità li jinnegozjaw f'isem il-ħaddiema u l-impjegaturi rispettivament, skont il-liġi u l-prattiki nazzjonali, inklużi dawk li jsiru applikabbli b'mod universali.

(4) "Derogi" minn ftehimiet ta' livell ogħli tfisser klawżoli ta' ftuħ jew ta'deroga li jippermettu li jiġu stabbiliti standards jew kundizzjonijiet alternattivi għal dawk li jinsabu fil-ftehim, meta jkun iġġustifikat u miftiehem mis-sħab soċjali.

(5) "Bini tal-kapaċitajiet" tfisser it-titjib tal-ħiliet, tal-kapaċitajiet u tas-setgħat tas-sħab soċjali biex jimpenjaw ruħhom b'mod effettiv u f'livelli diversi fid-djalogu soċjali, inkluż fin-negozjar kollettiv, fir-regolamentazzjoni jew fil-koregolamentazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol, fil-konsultazzjonijiet bipartitiċi u tripartitiċi u fit-tfassil tal-politika pubblika.

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI, F'KONFORMITÀ MAL-LIĠI U/JEW MAL-PRATTIKA NAZZJONALI, WARA KONSULTAZZJONI U B'KOOPERAZZJONI MILL-QRIB MAS-SĦAB SOĊJALI, FILWAQT LI JIRRISPETTAW L-AWTONOMIJA TAGĦHOM:

(1) jiżguraw ambjent abilitanti għad-djalogu soċjali bipartitiku u tripartitiku, inkluż in-negozjar kollettiv, fis-setturi pubbliċi u privati, fil-livelli kollha, inkluż fil-livelli transindustrijali, settorjali, tal-kumpaniji, jew reġjonali li:

(a) jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' negozjar kollettiv;

(b) jippromwovi trade unions u organizzazzjonijiet tal-impjegaturi b'saħħithom u indipendenti;

(c) jinkludi miżuri biex tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom;

(d) jiżgura l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti meħtieġa sabiex jipparteċipaw fid-djalogu soċjali;

(e) jippromwovi l-involviment fid-djalogu soċjali min-naħa tal-partijiet kollha;

(f) jadatta għall-era diġitali, jippromwovi n-negozjar kollettiv fid-dinja l-ġdida tax-xogħol u tranżizzjoni ekwa u ġusta lejn in-newtralità klimatika;

(g) jiżgura appoġġ istituzzjonali xieraq.

kif spjegat aktar fid-dettall f'din ir-Rakkomandazzjoni.

(2) jiżguraw li s-sħab soċjali jkunu involuti b'mod sistematiku, sinifikattiv u f'waqtu fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali u, meta rilevanti, tal-politiki ekonomiċi u politiki pubbliċi oħra, inkluż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

(3) jiżguraw li s-sħab soċjali jkollhom aċċess għall-informazzjoni rilevanti dwar is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali ġenerali tal-Istat Membru tagħhom u dwar is-sitwazzjoni u l-politiki rilevanti għas-setturi ta' attività rispettivi meħtieġa sabiex jipparteċipaw fid-djalogu soċjali u fin-negozjar kollettiv.

(4) jiżguraw li l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-impjegaturi u t-trade unions jiġu rikonoxxuti għall-finijiet ta' djalogu soċjali u negozjar kollettiv, inkluż billi:

(a) jiżguraw li, meta l-awtoritajiet kompetenti japplikaw proċeduri għar-rikonoxximent u għar-rappreżentanza bil-għan li jiddeterminaw l-organizzazzjonijiet li għandhom jingħataw id-dritt ta' negozjar kollettiv, din id-determinazzjoni tkun miftuħa u trasparenti, abbażi ta' kriterji stabbiliti minn qabel u oġġettivi fir-rigward tal-karattru rappreżentattiv tal-organizzazzjonijiet u li tali kriterji u proċeduri jiġu stabbiliti b'konsultazzjoni mat-trade unions u mal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi;

(b) meta jkunu preżenti fl-istess impenn kemm ir-rappreżentanti tat-trade unions kif ukoll ir-rappreżentanti eletti, jieħdu l-miżuri x-xierqa kull meta jkun meħtieġ biex jiġi żgurat li l-eżistenza ta' rappreżentanti eletti ma tintużax biex tiddgħajjef il-pożizzjoni tat-trade unions ikkonċernati jew tar-rappreżentanti tagħhom;

(c) jiżguraw li r-rwol speċifiku tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali jkun rikonoxxut u rrispettat bis-sħiħ fl-istrutturi u fil-proċessi tad-djalogu soċjali, filwaqt li jiġi rikonoxxut li d-djalogu ċivili, li jinvolvi sett aktar wiesa' ta' partijiet ikkonċernati, huwa proċess separat.

(5) jiżguraw li l-ħaddiema u r-rappreżentanti tal-ħaddiema, inklużi dawk li huma membri jew rappreżentanti tat-trade unions, ikunu, meta jeżerċitaw id-dritt(ijiet) tagħhom ta' negozjar kollettiv, protetti minn kull miżura li tista' tkun ta' ħsara għalihom jew li jista' jkollha impatt negattiv fuq l-impjieg tagħhom. Jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-impjegaturi jkunu protetti minn kull miżura illegali, meta jeżerċitaw id-dritt(ijiet) tagħhom għal negozjar kollettiv.

(6) irawmu l-fiduċja fis-sħab soċjali u bejniethom u jippromwovu l-konklużjoni ta' ftehimiet kollettivi. F'każ ta' nuqqas ta' qbil, u mingħajr ma jiġi affettwat id-dritt ta'

aċċess għal proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji adegwati biex jiġu infurzati d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mil-liġi jew minn ftehimiet kollettivi, u filwaqt li titqies kull proċedura stabbilita mis-sħab soċjali, jenħtieġ li jħeġġu u jippromwovu l-mekkaniżmi biex isolvuh, fosthom:

(a) l-użu tal-konċiljazzjoni, tal-medjazzjoni u tal-arbitraġġ, bil-qbil taż-żewġ partijiet, bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati n-negozjati u tittejjeb l-applikazzjoni tan-negozjar kollettiv u tal-ftehimiet kollettivi;

(b) meta ma jkunux diġà stabbiliti, l-istabbiliment ta' medjaturi li jistgħu jaġixxu f'każ ta' kunflitt bejn it-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi.

(7) jiżguraw li n-negozjar kollettiv ikun possibbli fil-livelli xierqa kollha, inkluż fil-livelli tal-kumpaniji, tas-settur, reġjonali jew nazzjonali, u jħeġġu l-koordinazzjoni bejn dawn il-livelli.

(8) jippromwovu kopertura akbar tan-negozjar kollettiv u jippermettu negozjar kollettiv effettiv, inkluż permezz ta':

(a) it-tneħħija ta' ostakli istituzzjonali jew legali għad-djalogu soċjali u għan-negozjar kollettiv li jkopru forom ġodda ta' xogħol jew l-impjieg atipiku;

(b) l-iżgurar li l-partijiet għan-negozjati jkollhom il-libertà li jiddeċiedu dwar il-kwistjonijiet li għandhom jiġu nnegozjati;

(c) l-iżgurar li tiġi miftiehma kwalunkwe possibbiltà ta' deroga minn ftehimiet ta' negozjar kollettiv bejn is-sħab soċjali u tkun limitata fir-rigward tal-kundizzjonijiet li skonthom tista' tapplika, filwaqt li jkunu żgurati l-flessibbiltà li tadatta għall-kundizzjonijiet ekonomiċi u tas-suq tax-xogħol li qed jevolvu, stabbiltà suffiċjenti li tippermetti l-ippjanar kemm għall-impjegaturi kif ukoll għall-ħaddiema, u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema. Fl-Istati Membri fejn in-negozjar kollettiv ikun ibbażat fuq qafas leġiżlattiv, jenħtieġ li tali derogi jiġu stabbiliti b'konsultazzjoni mat-trade unions u mal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi;

(d) l-iżgurar u l-implimentazzjoni ta' sistema ta' infurzar ta' ftehimiet kollettivi, inklużi, meta jkun xieraq, spezzjonijiet u sanzjonijiet. Ir-regoli u l-prattiki tal-infurzar jistgħu jiġu miftiehma wkoll bi ftehim kollettiv, skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali.

(9) jippromwovu b'mod attiv il-benefiċċji u l-valur miżjud tad-djalogu soċjali u tan-negozjar kollettiv, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjoni u mezzi mmirati. Jenħtieġ li jħeġġu lis-sħab soċjali jagħmlu mod li t-test tal-ftehimiet kollettivi jkun aċċessibbli għal firxa wiesa' ta' nies, inkluż permezz ta' mezzi diġitali u ta' repożitorji pubbliċi.

(10) jappoġġaw lis-sħab soċjali nazzjonali biex jipparteċipaw b'suċċess fid-djalogu soċjali, inkluż fin-negozjar kollettiv u fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet awtonomi ta' sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni, anki billi:

(a) jippromwovu l-bini u t-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom fil-livelli kollha, skont il-ħtiġijiet tagħhom;

(b) jużaw forom diversi ta' appoġġ, inkluż appoġġ loġistiku, taħriġ u l-forniment ta' għarfien espert legali u tekniku;

(c) jinkoraġġixxu proġetti konġunti bejn is-sħab soċjali f'diversi oqsma ta' interess, bħall-għoti ta' taħriġ;

(d) jinkoraġġixxu u, meta jixraq, jappoġġaw lis-sħab soċjali biex iressqu inizjattivi u jiżviluppaw approċċi u strateġiji ġodda u innovattivi biex iżidu r-rappreżentattività u s-sħubija tagħhom;

(e) jappoġġaw lis-sħab soċjali biex jadattaw l-attivitajiet tagħhom għall-era diġitali kif ukoll biex jesploraw attivitajiet ġodda xierqa għall-futur tax-xogħol, għat-tranżizzjoni ekoloġika u għal kundizzjonijiet ġodda tas-suq tax-xogħol;

(f) jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd f'termini ta' rappreżentazzjoni u prijoritajiet tematiċi;

(g) jippromwovu u jiffaċilitaw il-kollaborazzjoni tagħhom mas-sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari bil-ħsieb li dawn ikunu jistgħu jimplimentaw fil-livell nazzjonali l-ftehimiet konklużi mis-sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni;

(h) jipprovdu appoġġ xieraq biex il-ftehimiet konklużi fil-livell tal-Unjoni jiġu implimentati fl-Istati Membri;

(i) jagħmlu l-aħjar użu mill-finanzjament nazzjonali u tal-Unjoni disponibbli, bħall-appoġġ fil-qafas tal-FSE+ u tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku li jħeġġeġ lis-sħab soċjali jużaw il-finanzjament nazzjonali u tal-Unjoni eżistenti, inklużi l-linji baġitarji prerogattivi ddedikati għal "kompetenzi speċifiċi fil-qasam tal-politika soċjali, inkluż id-djalogu soċjali" u "miżuri ta' informazzjoni u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema".

(11) jissottomettu lill-Kummissjoni sa [ŻID id-data 18-il xahar mill-pubblikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni] lista ta' miżuri, imfassla b'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, li jittieħdu jew li diġà ttieħdu f'kull Stat Membru biex tiġi implimentata din ir-Rakkomandazzjoni.

(12) jistgħu jafdaw lis-sħab soċjali bl-implimentazzjoni tal-partijiet rilevanti ta' din ir-Rakkomandazzjoni, meta applikabbli f'konformità mal-liġi jew mal-prattika nazzjonali.

JILQA' B'SODISFAZZJON L-INTENZJONI TAL-KUMMISSJONI LI:

(13) tiżviluppa indikaturi miftiehma b'mod komuni sa [ŻID id-data 12-il xahar mill-pubblikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni] biex timmonitorja l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni flimkien mal-Kumitat tal-Impjiegi u mas-sħab soċjali rilevanti, u ttejjeb il-kamp ta' applikazzjoni u r-rilevanza tal-ġbir tad-*data* dwar id-djalogu soċjali inkluż dwar in-negozjar kollettiv fil-livelli tal-Unjoni u nazzjonali.

(14) tissorvelja regolarment l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni, flimkien mal-Istati Membri u s-sħab soċjali rilevanti, permezz ta' laqgħat tripartitiċi regolari jew mill-inqas darba fis-sena, fil-kuntest tal-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali tal-Kumitat tal-Impjiegi, fil-kuntest tal-Kumitat tad-Djalogu Soċjali Ewropew, u fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Dan il-monitoraġġ jenħtieġ li jippermetti lis-sħab soċjali fost l-oħrajn, jidentifikaw sitwazzjonijiet li fihom ikunu ġew esklużi jew involuti b'mod inadegwat f'konsultazzjonijiet fil-livell nazzjonali dwar il-politika tal-Unjoni u dik nazzjonali.

(15) b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, mas-sħab soċjali, u wara li tikkonsulta ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, tevalwa l-azzjonijiet meħuda b'rispons għal din ir-Rakkomandazzjoni, u tirrapporta lill-Kunsill sa [ŻID id-data 4' snin mill-pubblikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni]. Abbażi tar-riżultati tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li tagħmel aktar proposti.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*